16 ta' Marzu, 1956

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Çamilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

**Maria Lourdes Bugeja (*) *versus* Maria Stella Psaila et.**

## Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ — Povertà — Provi — Xhieda — Appell — Art 206 tal-Kap. 15.

*Għalkemm hu veru li d-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ hija Korp li fid-dritt amministrattiv modern jissejjaħ "a quasi-judicial body", b'dan kollu dik id-Deputazzjoni mhijiex waħda mill-Qrati tal-Ġustizzja, u għalhekk id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li ebda xhud li ma jkunx ngieb quddiem il-Qorti tal-Ewwel Grad ma jista' jingieb fl-appell mhix applikabbli għal dik id-Deputazzjoni, għax dik id-dispożizzjoni tapplika "expressis verbis" għall-Qrati tal-Ġustizzja.*

*Għalkemm il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina mid-deċiżjonijiet tad-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ hija sostanzjalment appell mid-deċiżjoni tad-Deputazzjoni, eppure verament il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Appell ma tkunx preċiżament l-istess b'ħal dik li okkupat lid-Deputazzjoni, għax quddiem il-Qorti tal-Appell ma jkunx hemm il-konkorrenti kollha, u il-kwistjoni tkun jekk il-persuna pretiża gravata mid-deċiżjoni tad-Deputazzjoni għandhiex titolu pozjuri minn dak tal-persuna eletta. U għalhekk hu sewwa li l-kwistjoni tkun ampjament ventilata bil-provi kollha.*

*U ankorke' wieħed kellu jħares lejn id-dispożizzjoni tal-liġi fuq imsemmija, ikun dejjem il-każ tan-neċessità li jsiru l-provi kollha quddiem il-Qorti tal-Appell, peress li d-Deputazzjoni assumiet li l-konkorrenti kollha kienu fl-istess grad ta' povertà, u bbażat id-deċiżjoni tagħha, għalhekk, fuq il-kriterju tal-maġġjoretà tal-prossimjuri biss.*

---

(*) Ara deċiżjoni oħra f'din il-kawża tal-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina tal-5 ta' Novembru, 1956 (publikata).

*Għalhekk hu espedjenti li jiġi eżaminat il-punt tal-povertà, u li għal dan l-eżami jiġu ammessi l-provi kollha, avvolja ma jkunux saru dawn il-provi quddiem id-Deputazzjoni.*

Il-Qorti—Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi ppremettiet illi d-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ, b-sentenza tagħha mogħtija fit-18 ta' Mejju 1955 (dok. A.) eleġġiet lill-konvenuti Maria Stella Psaila u Concetta Bezzina għall-konsegwiment tal-legat fondat minn Vincenzo Calleja in Farrugia fl-atti tan-Nutar Tommaso Agius tad-19 ta' Awissu 1657 għas-sena 1954; u illi l-attriċi għandha drittijiet akbar mill-konvenuti, billi tinsab fi grad ta' povertà wisq akbar minnhom, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni; u illi l-imsemmija sentenza u riżultat ġew publikati fil-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Ġunju 1955 numru 10639, skond id-dokumenti annessi maċ-ċitazzjoni — dokumenti "B" u "C"; u talbet li tiġi revokata minn dina l-Qorti s-sentenza mogħtija mid-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ fit-18 ta' Mejju 1955, fejn il-konvenuti ġew eletti u preferiti għall-attriċi għall-konsegwiment tal-legat imħolli minn Vincenzo Calleja in Farrugia għas-sena 1954; u li konsegwentement l-attriċi tiġi eletta biex tikkonsegwixxi l-legat imsemmi għas-sena 1954 minflok waħda mill-konvenuti msemmija. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, imħarrka għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Trattat dan l-inċident dwar il-produċibbilità tal-provi;

**Ikkunsidrat;**

L-oppożizzjoni tal-konvenuta Bezzina ma tistax tiġi sostnuta minn din il-Qorti. Għal dawn ir-raġunijiet:—

1. Għalkemm hu veru li d-Deputazzjoni għall-għażla tal-legati taż-żwieġ, imwaqqfa għal Malta bil-Proklama tas-7 ta' Settembru 1831 (Kap. 5 Ediz. Riv.) — (għal legati ta' Għawdex hemm il-Board imwaqqaf bil-Kap. 174) — hija korp li fid-dritt amministrattiv modern jissejjaħ "a quasi-judicial body", għaliex il-membri tagħha, li jieħdu l-ġurament tal-karika, jagħtu deċiżjoni interpretattiva tal-ħsieb tal-fundatur konformement għad-dispożizzjonijiet tal-liġi, wara konsiderazzjoni tal-meritu tat-talbiet u tad-

dokumenti ta' magħhom, liema deċiżjoni (salv appell minnha) hi legalment eżegwibbli (ara art. 4, 5 u 6 tal-Kap. 5), b'dan kollu d-Deputazzjoni mhijiex waħda mill-Qrati tal-Ġustizzja msemmijin fl-Ewwel Titolu tal-Ewwel Ktieb tal-Kap. 15; mentri l-art. 206 ta' dak il-Kap., li fuqu qegħdha tibbaża l-oppożitorja tagħha l-konvenuta Bezzina, japplika "expressis verbis" għall-Qrati msemmijin fl-istess Kap., u jgħid:— "Ebda xhud li ma jkunx inġieb fil-Qorti tal-Ewwel Grad ma jista' jinġieb fl-appell, ħlief........." Għalhekk dik id-dispożizzjoni ma tistax testendi ruħha, molto pju' li hi dispożizzjoni ta' indoli restrittiva, għal każ ta' korp li ma hux Qorti, għalkemm għandu funzjonijiet kważi-ġudizzjarji;

2. Għalkemm il-proċedura quddiem din il-Qorti hija sostanzjalment appell mid-deċiżjoni tad-Deputazzjoni, eppure verament il-kwistjoni quddiem din il-Qorti ma tkunx preċiżament l-istess bħal dik li okkupat id-Deputazzjoni; għax mentri din ta' l-aħħar teżamina t-talbiet kollha biex tasal għall-għażla tal-persuna li, fil-fehma tad-Deputazzjoni, ikollha l-aħjar dritt għall-legat, inveċe quddiem din il-Qorti ma hemmx aktar il-konkorrenti kollha, u l-kwistjoni ma hix dik tal-pozjuri fosthom, imma hemm biss il-persuna pretiża aggravata u l-persuna eletta, u l-pont hu jekk it-titolu tal-persuna pretiża aggravata hux aqwa minn dak tal-persuna eletta. Hu sewwa, għalhekk, li din il-kwistjoni tkun ampjament ventilata bil-provi kollha;

3. Ankorkè wieħed kellu jħares lejn id-dispożizzjoni tal-art. 206 fuq imsemmi, ikun dejjem il-każ tan-neċessità ta' din il-prova, peress li d-Deputazzjoni assumiet li l-konkorrenti kienu lkoll fl-istess grad ta' povertà, u bbażat id-deċiżjoni tagħha għalhekk fuq il-kriterju tal-maġġoretà tal-prossimjuri biss. Għalhekk hu spedjenti li jiġi eżaminat il-pont tal-povertà, u l-provi dwar dak il-pont huma ammissibbli skond l-inċiż (d) tal-artikolu;

Għalhekk, din il-Qorti tiddirimi l-inċident billi tammetti li jsiru provi dwar il-pont tal-povertà. L-ispejjeż jibqgħu riżervati għad-deċiżjoni finali.